Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 8/2001/1

**SEDUTA tad-9 ta' DICEMBRU 2003**

**Avviz.Nru 8/01**

Joseph u Romina konjugi Portelli

vs

Dolores mart Saviour Grech

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-atturi li talbu l-kundanna tal-konvenuta biex thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata in linja ta' danni, okkorrendo permezz ta' periti nominati ghall-istess fini, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwalita' ta' lucrum cessant u telf ta' qliegh u huma kkagunati minhabba incident awtomobilistiku li gara fit-2 ta' Novembru 2000 ghall-habta tas-7.10am fit-Triq Ewropa, Rabat, Ghawdex, bejn motorcycle tat-tip 'Yamaha' (numru ta' registrazzjoni FBA103) misjuq u proprjeta' ta' l-attrici u vettura tat-tip 'Volkswagon Polo' (numru ta' registrazzjoni KAV 278) misjuqa mill-konvenuta Dolores Grech, liema incident stradali gara minhabba traskuragni grassa, imperizja fis-sewqan, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta, li ghalhekk hija unikament responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-avviz u dana wara li jigi dikjarat min din l-Qorti li l-istess konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk taz-zewg ittri bonarji – wahda tat-23 ta' Novembru 2000 u l-ohra tal-14 ta' Dicembru 2000 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija ingunta; bl-imghaxijiet skond il-ligi. Ghal finijiet tal-kompetenza gie dikjarat illi l-ammont ta' danni pretizi ma jeccedux il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Il-konvenuta rrispondiet ghal din it-talba, billi fl-ewwel lok eccepiet:

1. li d-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi ghall-incident in kwistjoni tahti unikament u esklusivament Romina Portelli minhabba s-sewqan traskurat u negligenti da parti taghha u in nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

2. li, fit-tieni lok intavolat kontro talba fejn qalet illi:

'peress li ghall-incident tat-traffiku illi gara fit-2 ta' Novembru 2000 ghall- habta tas-7.10am fi Triq l-Ewropa

kantuniera ma Triq Xaghra, Victoria, bejn motor cycle tat-tip Yamaha numru FBA 103 misjuq minn Romina Portelli u l-vettura Volkswagen Polo numru KAV 278 misjuqa minn Dolores Grech tahti unikament u esklussivament Romina Portelli minhabba s-sewqan traskurat u negligenti da parti taghha u n-nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

Peress li per konsegwenza tal-istess incident, Dolores Grech sofriet hsarat fil-vettura taghha, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet ghaliex il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara lil Romina Portelli responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi; tillikwida d-danni sofferti minn Dolores Grech billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk il-hsarat fil-vettura taghha illi jirrizultaw waqt t-trattazzjoni tal-kawza u tikkundanna lill-istess Romina Portelli thallas lil Dolores Grech dawn l-istess danni kif hekk likwidati. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpelattorji tat-23 ta’ Novembru 2000 u tas-17 ta’ Jannar 2001 kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-kumpanija assikuratrici ta’ Romina Portelli u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharka.

L-attrici kif jirrizulta a folio 42 ikkontestat din il-kontro-talba billi rribadiet li r-responsabbilita’ ghall-incident de quo kienet tal-konvenuta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza n-nota ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Il-kollizjoni meritu tal-kawza grat fit-tarf ta’ Triq l-Ewropa precizament fil-parti fejn din it-triq tinghaqad ma’ Triq Viani f’liwja u fejn fuq ix-xellug hemm Triq is-Sellum. Il-

konvenuta li kienet issuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni KAV 278 kienet qeghdha titransita l-imsemmija Triq l-Ewropa, ghall-precisjoni fejn hemm il-gymnasium, bl-intendiment li tipprocedi f’Triq Viani ghat-telgha. L-attrici da parti taghha kienet qed issuq fi Triq is-Sellum bl-intenzjoni li tipprocedi ghat-Triq l-Ewropa. Jidher li l-kollizjoni grat fil-parti fejn jiltaqghu l-imsemmija toroq.

It-tezi ta’ l-attrici hi li l-konvenuta naqset li tara dak li ragonevolment kellha tara b’dan li ma kinitx qeghdha izzomm ‘*a proper look out*’ b’konsegwenza li naqset li tosserva u tapplika r-regoli tas-sewqan principalment billi f’T-Junctions, it-‘through road’ ghandha dejjem prijorita’ fuq il-‘branch road’.

Illi fil-fehma tal-Qorti, huwa proprju hawn il-qafas tal-kawza billi l-attrici tista’ biss tirnexxi fit-talba taghha f’kaz li tipprova, l-ewwel u qabel kollox, li Triq is-Sellum, jigifieri t-triq minn fejn harget, hi effettivament ‘through road’ in rispett ta’ Triq l-Ewropa u/jew wkoll Triq Viani.

Illi sabiex jkollha stampa cara tal-konfigurazzjoni tat-toroq in kwistjoni din l-Qorti accediet fuq il-lok u assolutament ma tistax taghti ragun lill-attrici. Mill-access setghet il-Qorti konklusivament taccerta li Triq l-Ewropa hija kontinwazzjoni naturali ma’ Triq Viani bi Triq is-Sellum distinta u sekondarja ghalihom u li tisbokka fihom minn perpendiju. Hu korrett, kif stqarret l-konvenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, li Triq is-Sellum hija triq kampestri. Hemm wkoll l-linji intermittenti li huma ininterotti u komuni ghat-Triq l-Ewropa u Triq Viani, wkoll is-superficji ta’ dawn iz-zewg toroq, u l-fattur tal-importanza u d-dehra generali tat-toroq li jkomplu jsahhu t-tezi tal-konvenuta u cioe’ li hi kienet issuq fi triq li b’rispett ghat-triq is-Sellum hija t-triq principali.

Illi dwar id-dinamika tal-incident ghandu jirrizulta li sehh fil-waqt li l-attrici harget minn Triq is-Sellum minghajr ma esplorat it-traffiku li kien ghaddej minn Triq l-Ewropa ghat-Triq Viani intant li l-habta sehhet mal-quddiem tal-motorcycle u l-kantuniera ta’ quddiem lemini tal-vettura.

Illi kwantu ghad-danni u billi l-Qorti ser issib responsabbilita' ghall-incident de qua fl-attrici, mhux il-kaz li tidhol fl-entita tad-danni minna reklamati; izda ghal dik li hi hsara reklamata mill-konvenuta issib li d-danni minnha mitluba ta' hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm573) huma ben dokumentati kif dimostrat mir-ricevuti u partikolarment is-'survey report'.

Ghalhekk tghaddi biex tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-attrici u tilqa' t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenuta b'dan li tiddikjara lill-attrici wahedha responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwentement tikkundannha thallas lill- konvenuta l-ammont ta' hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm573) bl-imghax dekoribbli mil-lum u bl-ispejjez tal-kawza kontra taghha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------